L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**IL-LINGWA U L-LINGWISTIKA**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

**TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA**

**Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.**

1. Il-Malti jgħid: "Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int!" Taqbel u għaliex? Huwa minnu li l-kumpanija li tkun magħha tiffurmalek il-karattru, il-valuri u l-imġiba tiegħek? Jista' jkollok attitudnijiet differenti mill-bqija tal-grupp ta' sħabek? Iddiskuti dan mill-esperjenza tiegħek.

**JEW**

2. Kemm temmen li ż-żgħażagħ għandu jkollhom sehem fid-deċiżjonijiet politiċi li jittieħdu fil-pajjiż? Iddiskuti din it-tema fid-dawl tad-dritt tal-vot minn sittax 'il sena 'l fuq, u l-impenn li ż-żgħażagħ juru, jew ma jurux, fil-politika lokali.

**JEW**

3. Fl-aħbarijiet qed nisimgħu li, b'xorti tajba, id-dinja ħierġa mill-imxija tal-COVID-19 u li se nibdew ngħixu "normalità ġdida". Iddiskuti kif taħseb li se tinbidel ħajjitna f'setturi differenti, bħall-ivvjaġġar, id-divertiment, ix-xogħol u l-edukazzjoni, u semmi x'tagħlimiet taħseb li ħadna mill-pandemija.

**JEW**

4. L-edukazzjoni fuq saħħitna qiegħda dejjem tiżdied u qed tagħmilna konxji biex nagħtu iżjed kas ta' x'nieklu. Imma fir-rutina tal-ħajja tal-lum, id-dieta diffiċli żżommha? Diffiċli biex tiddixiplina ruħek u tagħmel l-eżerċizzju regolari? Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B: IL-QARI

### Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Ftit sigħat biss wara li jitwieldu, it-trabi jkunu diġà kapaċi jagħmlu differenza bejn il-lingwa li biha tkun titkellem ommhom u lingwa oħra barranija. Dan joħroġ minn studju li sar fl-aħħar snin illi juri li t-trabi jibdew jassorbu l-lingwa sa minn meta jkunu għadhom fil-ġuf. Qabel kien maħsub li dan jiġri madwar is-sitt xahar wara t-twelid imma dan l-istudju sab li, fil-fatt, it-tfal jibdew jitgħallmu l-lingwa minn ġuf ommhom. Jagħmlu dan b'mod naturali għax it-trabi kurjużi biex jiskopru ilsna differenti u, bil-mod il-mod, jibdew jagħrfu lingwa minn oħra. (par. 1)

L-istudji li saru qabel iffukaw fuq sentenzi u frażijiet sħaħ imma dan l-istudju qies l-iżgħar partijiet tad-diskors, jiġifieri l-ħsejjes tal-vokali u l-konsonanti, u minnu ħareġ li fetu kapaċi jagħżel kelma minn oħra u jagħmel ukoll sens mill-kliem qabel jara d-dawl tad-dinja. Il-ħakma ta' dawn l-elementi bażiċi tal-lingwa minn ġol-ġuf tista' ssir anke jekk l-omm tkun nieqsa mis-smigħ u tuża lingwa tas-sinjali. F'dan il-każ, it-tarbija fil-ġuf taqbad ir-ritmi differenti tal-lingwa skont iċ-ċaqliq tal-idejn ta' ommha, u b'dawn ir-ritmi tibda tibni u tiżviluppa l-lingwa u anke tifforma sens minnhom. (par. 2)

Il-mekkaniżmi sensorjali u tal-moħħ jiżviluppaw fit-tletin ġimgħa tat-tqala. Dan l-istudju jurina li fl-aħħar għaxar ġimgħat, it-trabi fil-ġuf ikunu kapaċi jħossu u jisimgħu lil ommijiethom jitkellmu. F'dan iż-żmien ta' tmiem it-tqala hu magħruf li s-sistema tal-għarfien tal-ħsejjes tkun żviluppat għalkollox u qed taħdem, tant li t-tarbija mhux biss tkun qed tisma' imma wkoll tieħu nota tal-ħsejjes differenti u, saħansitra, titgħallimhom u tiftakarhom. (par. 3)

Patricia Kuhl, waħda mir-riċerkaturi ta' dan l-istudju u mid-diretturi tal-Istitut tat-Tagħlim u tax-Xjenzi tal-Moħħ fl-Università ta' Washington, qalet li fid-diskors tal-omm il-ħsejjes tal-vokali huma l-aktar li jinstemgħu mit-tarbija fil-ġuf u li din ikollha l-ħila taqbadhom minn fost ħsejjes oħra, anke mill-istorbju l-ieħor li jista' jkun hemm fl-ambjent li fih tkun qiegħda l-omm waqt it-tqala. (par. 4)

Dan l-istudju xjentifiku sar fuq erbgħin tarbija, bniet u subien, ta' madwar 30 siegħa mit-twelid f'Washington, l-Amerka, u fi Stokkolma, l-Iżvezja. Għal din ir-riċerka t-trabi tħallew jisimgħu l-ħsejjes tal-vokali fl-ilsien nattiv tagħhom kif ukoll f'lingwi barranin biex tkun innutata d-differenza fl-imġiba tat-tarbija. (par. 5)

L-interess tat-trabi tat-twelid f'dawn il-ħsejjes tkejjel minn kemm damu jsoffu l-gażażа li magħha kien hemm wire mqabbad ma' kompjuter li seta' jkejjel ir-reazzjoni tat-trabi għal dawn il-ħsejjes. Meta dawn bdew jiġbdu l-gażażа fit-tul kien sinjal li l-ħoss li kienu qed jisimgħu ma kinux midħla tiegħu. Dan wera li t-trabi qabel twieldu kienu kapaċi jitgħallmu għax f'dawn it-testijiet li sarulhom kellhom il-ħila jagħmlu differenza bejn il-ħsejjes li jkunu semgħu kemm damu fil-ġuf, u li allura jkunu drawhom matul id-disa' xhur tat-tqala, u dawk li jkunu ġodda għalihom. (par. 6)

Christine Moon, riċerkatriċi oħra involuta fl-istudju, qalet li għadna ma nafux jekk omm tqila li jkollha wild żgħir ieħor diġà, u li miegħu tkun titkellem bil-lingwa tat-trabi, għandux effett fuq il-proċess tal-għarfien tal-ħsejjes u l-ksib tal-lingwa mit-tarbija fil-ġuf. (par. 7)

Sa ftit snin ilu konna naħsbu li t-trabi jitwieldu 'tabula rasa', jiġifieri ma jkunu jafu xejn, u jibdew jitgħallmu malli joħorġu fid-dinja u jinqatgħu minn mal-kurdun ta' ommhom. Madankollu, issa b'dan l-istudju nafu li fix-xhur tat-tqala t-trabi jkunu diġà bdew isiru konxji tal-ħsejjes differenti, jitgħallmuhom u jiftakruhom. Il-moħħ tat-trabi kapaċi jiddistingwi x-xejriet differenti tal-ħoss minn xulxin u t-trabi kapaċi jagħrfu l-ħsejjes tal-lingwa tagħhom u ta' lingwi oħra. Mhux biss, wara li jitwieldu, ikunu kapaċi jużawhom biex jibdew jipproduċu l-istess ħsejjes huma wkoll. Dawn

ir-riżultati ma jħallu l-ebda dubju fuq il-kumplessità tal-moħħ tal-bniedem u dwar jekk it-tarbija fil-ġuf ikollhiex moħħ żviluppat. (par. 8)

*(Adattata mill-editorjal ta' Joseph Mizzi 'Jitgħallmu l-lingwa minn ġuf ommhom' li deher fir-rivista* Flimkien *ta' Nov 2021.)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   a. Skont is-silta, it-tarbija fil-ġuf tibda tagħraf il-ħsejjes ta' lingwa minn oħra fl-ewwel xhur tat-tqala.
   b. Skont is-silta, it-tarbija fil-ġuf kapaċi tisma', tiftakar u tagħraf il-ħsejjes ta' lingwa minn oħra.
   ċ. Skont is-silta, it-tarbija fil-ġuf ma tirreġistrax il-ħsejjes tal-lingwa li tkun qed tuża ommha.
   d. Skont is-silta, it-tarbija fil-ġuf ta' omm nieqsa mis-smigħ ma taqbadx ir-ritmi tal-lingwa.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba. (4)

   a. Il-kelma **jassorbu** fis-sentenza: "Dan joħroġ minn studju li sar fl-aħħar snin illi juri li t-trabi jibdew jassorbu l-lingwa sa minn meta jkunu għadhom fil-ġuf." (par. 1) tfisser:
      i. jitgħallmu
      ii. jitkellmu
      iii. jbassru
      iv. jiktbu

   b. Il-kelma **dawk** fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 6 qed tirreferi:
      i. għat-testijiet
      ii. għat-trabi
      iii. għall-ommijiet
      iv. għall-ħsejjes

   ċ. L-espressjoni **jara d-dawl tad-dinja** fis-sentenza: "L-istudji li saru qabel iffukaw fuq sentenzi u frażijiet sħaħ imma dan l-istudju qies l-iżgħar partijiet tad-diskors, jiġifieri l-ħsejjes tal-vokali u l-konsonanti, u minnu ħareġ li fetu kapaċi jagħżel kelma minn oħra u jagħmel ukoll sens mill-kliem qabel jara d-dawl tad-dinja." (par. 2) tfisser:
      i. jiġi f'sensih
      ii. jitwieled
      iii. jitkellem u jimxi
      iv. jibda jara sew

   d. L-espressjoni **ma kinux midħla tiegħu** fis-sentenza: "Meta dawn bdew jiġbdu l-gażaża fit-tul kien sinjal li l-ħoss li kienu qed jisimgħu ma kinux midħla tiegħu." (par. 6) tfisser:
      i. ma kinux qed jisimgħuh sew
      ii. ma kinux qed iħossuh tajjeb
      iii. ma kinux semgħuh qabel
      iv. ma kinux għamluh qabel

3. Agħmel taqsira fi kliemek ta' dak li konna naħsbu li jagħmlu t-trabi fil-ġuf fl-aħħar żmien tat-tqala u ta' dak li nafu li jagħmlu issa bis-saħħa ta' dan l-istudju. Ikteb it-taqsira tiegħek f'paragrafu wieħed ta' bejn **80 u 90 kelma** fl-imperfett u fit-tielet persuna plural. (5)

**Jekk jogħġbok dawwar il-paġna**

4. X'taħseb li kellu f'moħħu l-awtur meta kiteb: "Dawn ir-riżultati ma jħallu l-ebda dubju fuq il-kumplessità tal-moħħ tal-bniedem u dwar jekk it-tarbija fil-ġuf ikollhiex moħħ żviluppat". (par. 8). Agħti raġuni għaliex taħseb hekk. (3)

5. Fis-silta jissemma fattur li għadna ma nafux jekk jaffettwax il-ksib tal-lingwa mit-tarbija fil-ġuf. Semmih u għid x'taħseb li jista' jsir biex niskopru aktar dan il-qasam. (3)

6. Wara li qrajt din is-silta, kemm taħseb li nistgħu noqogħdu fuq dan l-istudju? Agħti r-raġunijiet tiegħek b'referenza għall-metodoloġija li ntużat fir-riċerka. (3)

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.**

1. Kull lingwa jkollha n-neoloġiżmi tagħha imma jaqbdux jew le jiddependi, fost l-oħrajn, mill-attitudni tal-kelliema u mill-għarfien li jkollhom ta' ilsna oħra. Iddiskuti dan b'eżempji mill-Malti u b'rabta mal-metodi varji ta' kif jinħoloq dan il-kliem.

**JEW**

2. Uri kif inhu differenti dizzjunarju minn teżawru billi tirreferi għat-tifsir ewlieni, sekondarju u figurattiv tal-kliem u billi toħroġ id-differenzi ta' bejn l-iperonimi, l-iponimi, is-sinonimi, l-antonimi u l-omonimi. Fit-tweġiba tiegħek agħti eżempji mill-Malti u tista' tippreżentahom f'tabella jekk tħoss li b'dan il-mod tispjega ruħek aħjar.

**(Total: 20 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

## LETTERATURA (A)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

### TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-poeżiji tiegħu fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* Oliver Friggieri jitkellem fuq il-fraġilità umana, fuq it-tbatija, is-solitudni u l-uġigħ tal-firda. Liema ton jew tonijiet juża biex iwassal dawn l-esperjenzi, u x'lingwaġġ figurattiv jinqeda bih?

**JEW**

2. Fi wħud mill-poeżiji fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*, anki dawk li mhumiex reliġjużi, Oliver Friggieri jinqeda bil-lingwaġġ tar-reliġjon Kattolika u jindirizza lill-Mulej jew lil Ġesù Kristu. X'effetti jħallu dawn ir-referenzi għar-reliġjon fuq il-poeżiji tiegħu?

**(Total: 20 marka)**

### TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Fil-poeżiji tagħha fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*, Simone Galea tidħol fi djalogu ma' poeti rġiel u mal-poeżiji stabbiliti tagħhom. X'inhuma l-perspettivi ġodda li toffri l-poetessa f'dawn il-poeżiji partikulari tagħha, u kif tippreżentahom?

**JEW**

2. Fil-kumment tiegħu fuq il-poeżiji fil-ktieb *Xi Drabi Mqar Persuna*, Immanuel Mifsud jgħid li Simone Galea tiċċelebra "l-festa tal-femminilità" b'diversi modi u jgħid ukoll li l-poetessa "trid teradika l-kunċett tal-Mara Ideali." Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA**

**Agħżel poeżija WAĦDA u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.**

**F'dan it-taħriġ "tirrakkuntax" il-poeżija magħżula; tagħtix sempliċiment lista tal-elementi letterarji li hemm fiha. Il-poeżija trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha, jiġifieri bħala xogħol li l-forma tiegħu, b'elementi bħall-arkitettura tal-versi u l-istrofi u bħal-lingwaġġ figurattiv, twassal il-kontenut tematiku, l-assoċjazzjonijiet mentali, l-ambigwitajiet, l-allużjonijiet, l-emozzjonijiet, is-sensazzjonijiet, u l-bqija. Agħti importanza ewlenija lil elementi bħall-vuċi, it-ton, ir-ritmu, il-ħsejjes, l-għażla tal-kliem, il-metafora, is-similtudni, il-metonimija, il-metrika, il-binja tal-versi, u t-tqassim tal-istrofi, u stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn joħolqu.**

(i)

**Il-fenek u l-fekruna**

Mhux tassew
li l-fekruna tiġi l-ewwel
jekk ittellaq mal-fenek.

Bil-pass imkarkar
tal-Verità kiebja
tkaxkar riġlejha
l-fekruna ħosbiena.

Bil-pass ħarkien
tal-Gideb storbjuż
ilebbet bħal riħ
il-fenek imżattat.

Għarfa w umli
bħall-Verità l-fekruna.
Ma tintrigax bi tlielaq
ma' fniek imżarġnin.

Kollox bil-mod il-fekruna.
Dejjem l-aħħar.
Tasal meta jkun tard wisq
bħall-Verità.

Ma jitqalux bin-ngħas
għajnejn il-fenek.
Arah bla mistrieħ,
arah jiffanfra,
l-istess bħall-Gideb.
U jirbaħ dejjem
rebħiet finta.

*(Carmel Scicluna, mill-ġabra L-Ambjent li Qeridna)*

**JEW**

(ii)

**Mara Neolitika Toħlom**

Mara tal-fuħħar,
mitfugħa f'raqda siekta
għal eluf ta' snin –
iż-żmien ma jidhirx
li ħoloq xi distanza bejnietna.

Jista' jkun
li f'ħolm il-lejl u n-nhar
jien bosta drabi sifirt mieghek
għas-sejba tal-fejqan,
u għaddejna minn xtut id-dinja
f'riti tal-ħajja, tal-mewt,
u tal-qawmien.

Forsi mraħna
u tlabna flimkien
fi smewwiet jiddu bla tmiem ...

Ftit jiem ilu
imteddejt fis-sliem
ġewwa l-Ipoġew,
nipprova nilmaħ ħolmtok.

Għax int rieqda
tidher wisq aktar konxja
minn meta jien
inkun imqajma ...

Mara tal-fuħħar,
meta nħares lejk
dejjem inħoss il-moħbiet
u s-sigriet tal-irqad.
Int tifkira daħkana,
setgħana ta' fehmiet misturin,
u ta' nebħiet imberkin.

Ħabiba Neolitika,
jista' jkun li jien bħalek,
maħduma f'għamla umana,
f'xefaq ieħor tal-ħajja.

Jien illum
bħal qiegħda nħoss
moħħi jintgħaġen
biex iressaq flimkien
l-għarfien imbiegħed
tal-irqad u l-qawmien.

*(Marlene Saliba, mill-ġabra Xbihat tal-Antenati)*

**(Total: 20 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | III |
| DATA: | 3 ta' Mejju 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**LETTERATURA (B)**

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

**TAQSIMA A: IR-RUMANZ**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. F'*Ħelsien*, il-karattri ta' Paċikk u Madlien għandhom rwol importanti kemm fl-iżvilupp tan-nisġa tar-rumanz, kif ukoll bħala individwi partikolari ħafna. Uri dan mill-mod kif il-karattri jġibu ruħhom tul ir-rumanz.

**JEW**

2. Il-ħelsien ta' Feliċ mid-delitt li wettaq huwa tmiem ironiku u mhux mistenni fir-rumanz *Ħelsien*. Uri kif din il-ġrajja torbot mal-iżvilupp tal-karattri.

**(Total: 20 marka)**

**TAQSIMA B: IN-NOVELLI**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. In-novelli ta' Trevor Żahra huma ambjentati fil-ħajja ta' kuljum, imma l-mod kif l-awtur jiddeskrivi r-realtà joħroġ tifsiriet mhux mistennija minn dawn il-ġrajjiet. Uri dan b'referenza għall-kitbiet f'*Xemgħat*.

**JEW**

2. Fin-novelli ta' Trevor Żahra hemm waqtiet meta l-karattri jibżgħu, jew inkella juru sens ta' stagħġib quddiem ħwejjeġ mhux magħrufa jew li ma jinftehmux mill-ewwel. Uri dan b'referenza għall-kitbiet f'*Xemgħat*.

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok dawwar il-paġna***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Il-Karnival huwa żmien meta wieħed jista' jaħrab għal ftit mill-identità tiegħu u jagħmilha ta' xi ħadd ieħor. Uri kif dan iseħħ fid-dramm *Karnival*, billi tagħmel referenza sew għall-karattri li lebsin il-kostumi kif ukoll għall-bqija.

**JEW**

2. Iż-żewġ familji li jgħixu faċċata ta' xulxin fid-dramm *Karnival* jistgħu jitqiesu bħala simboli ta' klassijiet soċjali u ta' mumenti storiċi differenti. Tkellem dwar kif joħorġu dawn it-tifsiriet matul id-dramm.

**(Total: 20 marka)**